**KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA**

---

**IL-HAMES LEGISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU 7 – L-ERBGHA 10 TA' DIĊEMBRU 2009 FIT 8:30PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill

Prezenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Vici Sindku |
| Anatoile Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Hector Cassola | Agent Segretarju Ezekuttiv |
| Michael Portelli | Designate Executive Secretary |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Muniti gew mehuda bhala moqrija u saru korrezzjonijiet mehtiega.

Punti li joħorġu mill-minuti

Fuq il-minuti tal-laqgħa preċedenti għandha issir ittra lil ADT biex issir spezzjoni ta sprall li sfronda bejn l-Ironmonger u San Paio Confectionery. Din ħa tkun kordinata mal-Viċi Sindku.

Dawn gew approvati mill-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 Kuntratt Speech Therapist

Issemma l-kuntratt tal-Speech Therapist. Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono talab kopja ta dan il-kuntratt lil Aġent Segretarju, huwa talab ukoll ittra fejn tniżżlu diversi lmenti dwar il-kamra fejn qed joppera l-

ispeech therapist u inċident meta ċediet parti mill-għamara. L-istess kunsillier talab ukoll kopja tal-kuntratt li kien iffirma l-Kunsill mal-Kunsill Malti għal isports għal għotja ta tlett elef Euro (€ 3,000).

**2.2 Memo 84/09**

L- Aġent Segretarju ppreżenta Memo nru 84/2009 fejn hemm elenkat fondi speċjali għal Kunsilli Lokali ta Malta li huma barra mill-allokazzjoni finanzjarja. Dan ifisser li l-Kunsill jista jikkwalifika għal dawn il-fondi addizjonali skont il-ħtieġa.

Ittra oħra b referenza DLG 17/2009 fejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali elenka l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2010 dettaljata bl-ammont ta flus li għandu jintnefaq għal kull funzzjoni li jagħmel il-Kunsill. L-allokazzjoni totali għas-sena 2010 tlaħħaq is-somma ta € 228,787.

**2.3 Kuntratt għaż-żamma u manutenzjoni tal-latrini**

L-A/Segretarju ippreżenta dokumenti biex jinħareġ tender għal latrini pubbliċi. Fost id-dokumenti huwa ppreżenta lista ta *specific requirements* li l-kuntrattur ikollu bżonn iwettaq bħala kundizzjonijiet għal dan il-kuntratt. L-Aġent Segretarju talab lil-kunsillieri kollha iżidu xi kundizzjonijiet oħra li jridu jagħmlu għal dan il-kuntratt. Huwa qassam id-dokument li ħejja sabiex ikunu jistgħu jwettqu dan l-eżerċizzju.

**2.4 Korrispondenza tal-Kunsillier Anatole Scerri Diacono**

Iil-Kunsillier Anatole Scerri Diacono qal li kellu laqgħa mat-TCTC dwar korsijiet tal-computers b' xejn. Huwa qiegħed jiffinalizża dawn il-korsijiet.

l-istess kunsillier ippreżenta tlett offerti għal ikla tal-Milied tal-istaff. Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta ta *The Chef* u l-ikla tal-Milied għandha issir il-Ħamis 17 ta' Diċembru fit-8.30 ta filgħaxija. Kien hemm qbil li għal din l-ikla jiġu invitati il-ħaddiema tal-IPSL kif ukoll is-Sur Charles u Mario Pace li ħadmu fuq l-arloġġ tal-Mtarfa. Mistieden ukoll kien id-designate secretary Michael Portelli. Il-Kunsill qabel.

Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono ġie mgħarraf illi l-korsijiet tal-*aerobics* kienu suċċess u kellu talba mingħand il-parteċipanti sabiex dawn jiġu estiżi u jiġi inklużi korsijiet tal-*gym*. Huwa rrakomanda biex dawn il-korsijiet issiru fis-Sala tad-*Depiro Hall*.

L istess kunsillier kellu offerta illi l-għalliem mill-Kunsill Malti għal Isports jitħallas bit € 10.50 is-siegħa inkluża l-VAT.

**2.5 Korrispondenza tal-Viċi Sindku**

Għandha issir applikazzjoni fi Triq Theuma Castalleti bi pjanta annessa biex issir *sleeping policeman* fuq talba li rċieva il-Viċi Sindku.

Il-Viċi Sindku ppreżenta pjanta mir-residenti ta Triq San David għal *no objection* biex jinħoloq spazju għal bini ta garaxijiet quddiem il-propjeta tagħhom.

Ġew ippreżentati stimi tal-materjal tad dawl tal-Milied sabiex jiżżejnu t-toroq. Il-Kunsill kien jaqbillu jixtrihom flok jikrihom u hekk jibqgħu propjeta tal-Kunsill.

**2.6 Korrispondenza tas-Sindku**

Ġew ippreżentati stimi sabiex l apparat ta tiżjin għal Milied jiġi kumnikat, il-ħames offerti kienu

1. €2,800
2. €2,300
3. €2,050
4. €2,000*
5. €1,300

*biex jiġi kumnikat id-dawl u wara biex inżarmaw il-Kunsill ried iħallas għal high up u ngħinuhom bil-ħaddiema tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel li jqabbad ix-xogħol ta kumnikazzjoni u żarmar għal Milied liż-żgħażagħ Pawlini Rabtin għal prezz miftiehem ta € 1850 inkluż il-VAT.

Ix-xogħol kollu sar mill-ħaddiema tal-IPSL tal-Kunsill mill-Viċi Sindku u intramaw mill-kunsilliera Anatole Scerri Diacono u Antoine Vella.

Kien hemm kwotazzjoni oħra ta €2,000 li dwarha kien innegozzja is-Sindku u l-prezz niżel għal €1,850 għal xiri ta dan il-materjal ta tiżjin.

L-offerta ta €1,300 kienet marbuta max-xogħol ta €8.50 is-siegħa li ma ġietx milqgħuha.

Għandha tinkiteb ittra lil ħaddiema tal-IPSL għas sehem tagħhom li taw fl-armar tal-Milied.

Is-Sindku tkellem dwar ittra fejn il-Kunsill ġie infurmat li fil-5 ta' Jannar 2010 ser issiru il-finalisti għal dawk il-Kunsilli li ġew short listed għal premju. Il-Kunsill ikkwalifika bl avveniment ta' Military Mtarfa għal kummerċ li inħoloq fil-belt tagħna. li għalihom kienu

applikaw għal attivitajiet. Il-Kunsill informa lis-Sindku, Viċi Sindku u kunsilliera sabiex jattendu għal dan l-avveniment.

Is-Sindku talab kopja tal-korrispondenza tad-devoluzzjoni tas-*Sisters Quarters*, kamra tal-periti u tar-*Red Cross* fejn id-dar tal-Anzjani u *Isolation Quarters*, sabiex il-korispondenza għandha terġa tintbagħat lill-Ministeru konċernat sabiex titħaffef il-proċedura. Il-Kunsill qabel li jnaddaf il-postijiet u jattrezahom skont il-baġitt li għandu.

Huwa talab biex nikkomunikaw mad-dipartiment konċernat biex jiġi ffirmat il-kuntratt tad-devoluzzjoni tal-Arloġġ tal-Mtarfa.

Is-Sindku qal li l-kuntratt tal-*Clubhouse* ġie iffirmat kif kien ġie approvat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Korrispondenza mil-MEPA titkellem dwar appell peress li l-elevazzjoni tar-rampi ma kinitx sodisfaċenti.

Is-Sindku semma li se jwassal messaġġ għal Milied lir-residenti ġo fuljett żgħir għal festi tal-Milied.

Is-Sindku fakkar li wara li kien inxtara l-apparatt tal-Milied u li dan hu propjeta tal-Kunsill, irrid jitniżżel kemm fl-inventarju tal-Kunsill kif ukoll jiżdied mal-polza tal-assigurazzjoni f' każ li ssir xi ħsara jew dan l-apparatt jinsteraq.

### 2.7 Korrispondenza tal-Kunsillier Antoine Vella

Il-kunsillier Antoine Vella kellu laqgħa ma żewġ web designers rigward website għal Kunsill Lokali. Huwa kkomunika li kien ingħata xi prezzijiet u biex l Abachus jagħmel website ġdida għal Kunsill kien talab il-prezz ta €2,800.

Huwa qal ukoll li s-Sur. Chris Esposito kien lest jiddiżinja website bil-prezz ta €1,033.

Kien hemm ukoll proposta biex jinħarġu kwotazzjonijiet għal website ġdida fil-Gażżetta tal-Gvern.

Fiż-żjara li kienet saret il-Malta Experience il-kelliemi qal li flok għoxrin parteċipant attendew tnax u b' hekk il-kont tal-Future Focus ma kienx korrett, meta żamm il-prezz t' għoxrin persuna.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

L-Aġent Segretarju ppreżenta żewġ listi, waħda għax xahar ta' Novembru u oħra għax xahar ta' Diċembru sal-10 tax-xahar.

Pagament numru 88 u 89 kienu mniżżlin doppji u kellu jinqata barra l-pagament numru 88.

Pagamenti numri 92, 93 u 94 għax xahar ta' Novembru m għandhomx jitħallsu peress li dawn qegħdin f' idejn l-avukat għal trattament legali.

Pagament numru 21 mil-iskeda tax-xahar ta' Diċembru għandu jitnaqqsu l-ammont ta returns fuq id-drinks li ma nfetħux.
Rigward il-pagamenti l oħra il-Kunsill qabel li għandhom jitħallsu u l-pagamenti ġew approvati.

## 4. QUARTERLY FINANCIAL REPORTS – JULY 2009 & OCTOBER 2009

L-Agent Segretarju kien ilu jitlob lil Accountant sabiex jissotometti l-ewwel rapport finanzjarju kif ukoll rapport għat tieni quarter ta din is-sena finanzjarja. Kien hemm diffikultajiet ta' kommunikazzjoni bejn dan l-uffiċċju tal-Kunsill u l-*Accountant* meta ghal diversi drabi dan ma ntlahaqx b'telefonati. Wara li ntbaghtitlu email, dan ikkomunika u ghandu jgib l-kontijiet tal-Kunsill f'qasir zmien. Sadintant il-Kunsill ġie infurmat permezz ta' Memo 78/2009 illi s-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali se tagħlaq fil 31 ta' Diċembru ta kull sena minflok il-31 ta Marzu kif kienet qabel. Għalhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mal-Accountant tal-Kunsill biex flimkein jitħejjew il-preparamenti u d-dokumenti kollha tal-kontijiet biex l-Accounts tal-Kunsill jiġu kemm aġġornati u tingħalaq is-sena finanzjarja fil-31 ta' Diċembru 2009.

## 5. RIŻULTAT GĦAŻ-ŻJARA T' ARVIDSJAUR

Il-Kunsill iddiskuta l-proposta għal żjara f' Arvidsjaur għas-sena 2010 u ppropona d-data bejn il 15 u 21 ta' Marzu 2010. Waqt il-laqgħa il-Kunsill ellenka lista ta nies li ġew proposti biex jiffurmaw parti mid-delegazzjoni għal din iż-żjara kif ġejjin:

| | |
|---|---|
| 12 | Delegat mill-Kunsill Lokali tal-Mtarfa |
| 2 | rappreżentati tal-grupp Karnival |
| 2 | rappreżentati tal-grupp tal FC Mtarfa football club |
| 2 | rappreżentati tal-grupp Depiro Sports Centre |
| 2 | rappreżentati tal-grupp tal FC Nursery football |
| 2 | rappreżentati tal-iskola Primarja |
| 2 | rappreżentati tal-iskola Sekondarja |
| 2 | rappreżentati mill-Parroċċa |
| 2 | rappreżentati (Cortis) |
| 2 | rappreżentati (Saviour Bugeja) |
| 2 | Mario u Charles |
| 1 | Marlene Gouder |
| 1 | Dar tal-Anzjani |

1 Day Centre
1 Dar il-Kaptan
2 Drama Group

Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono issuġġerixa li ssir ċirkulari li titqassam lir-residenti biex min hu interessat li jitla mad-delegazzjoni jkun jista japplika u jitla mal-Kunsill. Għandhom issiru stimi dwar kemm ser tiġi tiswa din iż-żjara lil Kunsill kif ukoll għandu jiġi maħdum prezz għal dawk ir-residenti li jinteressaw ruħhom iżuru din il-Muniċipalita t' Arvidsjaur.

.

**6 INGAĠĠAR TAS-SEGRETTARJU EZEKKUTIV U HAND-OVER MILL-AGENT SEGRETARJU**

6A. Dwar l ingaġġ ta Segretarju Eżekuttiv, ġew magħżula żewġ kandidati min lista li ġiet ipprovduta mil ETC. Dawn huma is-Sur. Fabian Mizzi u s-Sur. Michael Portelli. Wara li saru l intervisti mill-Bord għal impjiegi maħtur mill-Kunsill il-kandidat Michael Portelli kien l iżjed wieħed li ssodisfa il-kriterji ta dan il-Kunsill, għalhekk il-Kunsill għażel lil Michael Portelli bħala id-*Designate Executive Secretary*. Huwa ġie mitlub mill-Kunsill sabiex jibda jattendi għal xi sigħat biex jieħu t-taħriġ meħtieġ u aktar tard hand over mingħand l-Aġent Segretarju Ezekuttiv, Hector Cassola.

Għalhekk huwa attenda għal xi sessjonijiet ġol-Kunsill kif imsemmi hawn taħt

27 ta' Novembru 2009 8.30 a.m. sa 4.30 p.m.
29 ta' Novembru 2009 8.30 a.m. sa 11.30 a.m.
6 ta' Diċembru 2009 8.30 a.m. sa 11.30 a.m.

Huwa kellu ppjanat li jkompli jattendi għal dan it-taħriġ fit 13 u 15 ta' Diċembru 2009 u ġranet oħra sakemm ikun għamel l-arranġamenti meħtieġa tal-post tax-xogħol preżenti fejn huwa qed jaħdem biex ikun jista jattendi iżjed regolarment. Għandhom jintbagħatu id-dokumenti tal-impjieg lid-Dipartiment għal approvazzjoni tal-Prim Ministru għal ħatra tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

Is-Sindku ta rapport dwar l-andament tal-intervisti fejn ittieħdet riżoluzzjoni biex il-Kunsill japprova r-rapport tal-għażla. Il-Kunsill qabel dwar l għażla tas Sur. Michael Portelli u talab lil Aġent Segretarju sabiex jipproċedi bil-proċedura tal-ħatra.

**6. INGAĠĠAR TA SKRIVAN/A MAL-KUNSILL**

6B. Mill-lista li ġiet ipprovduta mil-ETC t applikanti prospettivi sabiex jimtela l-post vakanta ta skrivan/a mal-Kunsill ġew magħżula l-applikanti msemmija hawn taħt għal interviews kif ġej, liema interviews saru it-Tnejn 23 ta Novembru mit 8,30 p.m. il-quddiem.

Lynton Ellul (18, Triq Għar Barka, Rabat RBT 3026)
Marie Christine Bonello (21, Kenn Dari, Landar street, Siġġiewi, SGW 2051)

Annabelle Falzon Cortis (Żebbuġ)
Johan Debattista (129, Triq Sant Antnin, Żabbar, ŻBR 3465)
Charmaine Farrugia (12, Redentur, Ċensu Decandia street, Luqa, LQA 1205)
Matthew Schembri (31 Flt 1, Merill Court, Triq il-Fuxa, San Ġwann, SGN 1308)

Il-Kunsill ma sab ħadd min dawn l impjegati addatatt għal post ta skrivan peress li dawn kellhom esperjenza biss fuq makkinarju tal-industija tal-manifattura u ma ħadmux bħala skrivani.

Kien hemm sensiela t intervisti oħra li saret it-Tnejn 7 ta' Diċembru mit 8.30 p.m. il-quddiem u ġew intervistati dawn li ġejjin:

Sandro Poggi (15, Żnuber street, Santa Luċija, SLC 1524)
Annalise Farrugia (17, Edrin, Alfons Maria Galea Street, Iklin)
Charlot Sciberras (17, Edelweiss, Triq il-Pruna, Attard, BZN 04)
Joseph Cutajar (Pepprina, Triq Hompesch, Żurrieq, ZRQ 02)
Sandro Borg (119A, Main Street, Mosta)
Joseph Mangion (A, L Arkati Buildings, 8, Alley 1, Valley road, Birkirkara, MSD 08)
Sarah Rapa (Flt 6, Stella Maris flts, School Street, Msida, MSD 1610)
Karl Saliba (Sunflower Court, Apartment 4, Triq il-Ħarruba, Santa Venera, SVR 1702)
Martin Falzon (43, Triq Katarina Vitale, San Pawl il-Baħar)
Christopher Mamo (St. Lawrence House, Tarġa Gap Mosta)

Ma nstab ħadd addatatt peress li xi wħud ma kellhomx trasport u oħrajn ma kellhomx il-kwalifiki meħtieġa.

## 7. MILLITRY IMTARFA

Din it-tema fuq l-aġenda tal-lum tħalliet għal-laqgħa oħra bi qbil unanimu.

## 8. AGGORNAMENTI

### 8.1 IS-SINDKU

Is-Sindku qal li kellu talba biex issir tabella għal klieb fejn l ispiżerij l-antika.

Huwa ħabbar li ser issir il-party tal-Milied għal anzjani. Għal dan il-party se jiġi kkuntatjatt David Azzopardi għad divertiment.

Fit 13 ta' Diċembru għandha issir inawgurazzjoni t esibizzjoni tat-tpinġija. Din se tiġi inawgurata mill-ambaxxatriċi għal Isvezja. Se jitqassmu rigali għal kull kategorija.

Fis 27 ta' Diċembru għandha issir banda fit-toroq tal-Mtarfa għal festi tal-Milied bil prezz ta €932.

Inxtraw 8 siġriet taż-żebbug u siġra taċ-ċipress sabiex jiġu ppjantati fid-Dar tal-Anzjani biex jiġi komemmorat il-Ġemellaġ. Is-siġar taż-żebbuġ se jiġu ppjantati fi Triq Castalleti u waħda minhom tiġi mħawwla fi Triq Sir Philip Pulliċino.

Is-Sindku għamel referenza għal kwistjoni bejn il-kunsillieri Anatole Scerri Diacono u Helen Bugeja. Huwa qal li żgur ma kienx il-pjaċir tiegħu li jara nuqqas ta qbil u diżgwid bejn xi kunsillieri u ried jieħu l okkażżjoni f' dawn iż-żmijiet tal-Milied sabiex jekk hemm xi nuqqas ta ftehim il-kunsillieri jersqu lejn xulxin u jaħdmu id f' id għal ġid tar-residenti fil-lokalita. Huwa appella biex l-affarijiet jitranġaw u jkun hemm l-armonija meħtieġa biex ix-xogħol tal-Kunsill jibqa' għaddej b ritmu kif inhu xieraq. Huwa jittamma biex dan l-appell jintlaħaq lil min hu konċernat u jsir spirtu ta djalogu pożitiv. Fl aħħar nett irringrazzja lil kunsillieri għax xogħol li taw din is-sena u awgura lilhom u lil familji tagħhom għal Milied u l-ewwel tas-sena.

## 8.2 IL-VIĊI SINDKU

Huwa qal li qed jitwaħħlu arbli u jsiru xogħolijiet fi Triq Vincenzo Bonello fejn l inġiniera qed jaħdmu għal proviżjoni tad-dawl u dan ix-xogħol miexi b' ritmu tajjeb.

Huwa qal li saru 21 arblu fil-pjazza u tlesta t-tiżjin tal-Milied fuq dawn it-toroq imsemmija:

Triq l-Imtarfa
Triq San David
Triq Konti Castalleti
Triq il-Kaptan
Triq Sir Philip Pullicino
Triq Agius Fenech Ferrante
Triq Anthony Ellul
Triq Sir. David Bruce
Triq Temi Zammit
Triq Santa Luċija
Triq l-Orkideja
Triq il-Ward
Triq il-Ferrovija
Triq Gregorio Caraffa
Triq il-Faqqiegħ
Triq in-Narċis
Triq il-Pepprin
Triq il-Ġiżimin
Triq il-Ġiżi
Triq il-Ġilju
Triq it-Torri tal-Arloġġ
Triq Sir Leslie Rundle

**8.3 ANTOINE VELLA**

Il-kunsillier qed jitlob stima ta Triq is-Sardinell sabiex jiġi kkontrollat l-għargħar meta tagħmel ix-xita.

Il-kelliemi tkellem dwar passaġġ fl ex married quarters fejn hemm bieb ta passaġġ li kellu jingħalaq fuq talba ta resident. Huwa staqsa jekk il-permess tal-MEPA ħariġx u għandha tinkiteb ittra lil MEPA dwar dan f liema stadju waslet l applikazzjoni.

Biex jsiru żewġ linji sofor quddiem il-garaxx ta Charles Borg fi Triq is-Sardinell. Il-Kunsill diġi kiteb dwar dana u qed nistennew risposta.

Għandhom joħorġu sejħa għal tlett offerti biex titella website ġdida.

**8.4 HELEN BUGEJA**

Il-kunsilliera resqet oġġezzjoni għal fatt li tqassmu flyers li ħa jsiru parties tal-Milied meta dawn ma ġewx approvati mil-Kunsill. Hija staqsiet x' kienet ir-raġuni li hi u il-kunsillier Antoine Vella ma ġewx infurmati bl-attivitajiet.

Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono wieġeb li r-raġuni kienet għaliex ma kienx hemm żmien biżejjed biex wieħed jikkomunika u jgħarraf lill-Kunsill b' dawn l-attivitajiet għax iż-żmien kien daħal. Dan ikkonfermah is-Sindku waqt il-laqgħa biex hu jipproċċedi. Il-kunsilliera Helen Bugeja wieġbet li dawn id-dmirijiet għandhom jaqgħu taħt ir-responsabilta tagħha peress li dawn jikkonċernaw il-familja li għaliha hi għandha r-responsabilta ta din il-kariga. Is-Sindku żied jgħid li dawn ir-responsabiltajiet skont kif assenjati jaqgħu taħt attivitajiet soċjali.

Il-kunsillier Antoine Vella irrimarka li kien hemm residenti li kienu jafu min qabel b' dawn l-attivitajiet bla ma kienu infurmati kemm hu u l-kunsilliera Helen Bugeja.

Is-Sindku ried jagħmilha ċara u jaċċerta lil Kunsill li ħadd ma kellu intenzjoni ħażina u jekk kien hemm xi nuqqas, li seta kien b xi svista ma sar b ebda skop ħażin ħlief li ż-żmien kien daħal il-ġewwa li ġab miegħu pressjoni sabiex jitlaħħqu jsiru t-tħejjijiet meħtieġa u b' hekk ir-residenti ikunu infurmati biż żmien adegwat. Is-Sindku kompla jgħid li għandu jkun hemm meżż ta komunikazzjoni aħjar u llum saret l ewwel laqgħa tal-Kunsill wara li ħarġu l avviżi tal-parties. Ta min ifakkar ukoll illi l-aħħar laqgħa tal-Kunsill saret fis 27 t' Ottubru u b' hekk ma kien hemm ebda opportunita biex dawn jittellaw għal approvazzjoni ħlief fid-data tal-lum (10 ta' Diċembru 2009).

**8.5 ANATOLE SCERRI DIACONO**

Tħabbar li se jsiru tlett parties tal-Milied

A) Eta min 3 sa 7 snin ġol-Iskola Primarja u jitqassmu rigali lil kull tifel u tifla u jittiehdulhom ritratt ma Father Christmas
B) Eta min 8 sa 12 il-sena gol Eden Superbowl bi trasport mill-Kunsill u ser ikollhom logħob ikel u xorb.
C) Eta min 13 sa 17 il-sena u dan ser issir fil-Kunsill. Ser ikollhom Disco, rigali u voucher ta €10. Ser ikollhom ukoll sponsorship ta €6 min Wise Owl.

Dan kollu bil prezz ta €2 għal kulħadd.

## 9. GĦELUQ IL-LAQGĦA

Il-laqgha ġiet fi tmiem tagħha il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru fis-siegha (1.00 a.m.) ta' filghodu. Ma ġietx iffissatta ebda data għal laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **Hector Cassola** | **Anthony Mifsud** |
| **Agent Segretarju Ezekkutiv** | **Sindku.** |